MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 499/2007

**TFH Limited (C27453)**

**vs**

**John Bugeja(ID208160M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' tlett elef erba' mija u erba' u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) gja LM1500 rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici gja maghrufa bhala '*The Food House Limited'* kif jirrizulta mill-iskrittura bejn il-partijiet datata 28 ta' Frar, 2005.

Bl-Ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut John Bugeja fejn issolleva preliminarjament l-inkompetenza '*ratione valoris'* ta' dan it-Tribunal.

Illli minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma ghal kollox ikkontestati.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri dwar l-eccezzjoni preliminari fejn eccepew '*in linea'* preliminari l-inkompetenza '*rationae valoris'.*

**IKKUNSIDRA**

Illi dil-kawza titratta dwar talba ghal hlas ta' bilanc rapprezentanti somma akbar liema talba giet ikkontestata u *'in linea'* preliminari giet eccepita l-inkompetenza '*rationae valoris'.*

Illi t-Tribunal kellu '*in limine litis'* jikkunsidra u jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-kompetenza ma tiddependiex bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut. Huwa wkoll pacifiku illi ghalkemm l-avviz promotur inizjalment huwa ta' kompetenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, it-Tribunal ghandu bhala konsegwenza tal-eccezzjonijiet moghtija jistharreg il-vertenza u jikkunsidra u jiddeciedi l-obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jmorru *oltre* l-kompetenza tieghu.

Illi mid-dokumenti ezebiti mill-attur jirrizulta illi l-ammont mitlub f'din il-kawza jirraprezenta bilanc mis-somma ta' tlett elef u ghoxrin lira Maltin (LM3,020) ta' dak iz-zmien u li l-partijiet kienu ftiehmu li jinqatghu permezz ta' erba' pagament ta' seba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin (LM755) ta' dak iz-zmien, kull pagament. Illi minnhom thallsu zewg pagamenti.

Illi in sostenn ta' l-eccezzjoni preliminari tieghu, l-konvenut ghamel riferenza ghal sentenza tal-Qorti Magistrati (Malta)

fl-ismijiet ‘*Vella **B**rothers (Tal-Bidnija) Limited vs Francis Galea et*’ deciza fit-28 ta’ Ottubru, 2003, sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fil-25 ta’ Jannar, 2002 fl-ismijiet ‘*Vincent Brincat vs Domestica Limited’*.

Illi t-Tribunal ra illi fis-sentenza moghtija fit-12 ta’ Dicembru, 2003 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet *‘Saviour Mercieca sive Sammy et vs Carmel sive Charlie Galea*’ l-Qorti kkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar li kien ippronunzja ruhu inkomptenti ‘*rationae valoris’* milli jiehu konjizzjoni tal-kaz. F’dan il-kaz kien intqal illi l-kompetenza ma tiddependiex biss mid-domanda izda anke mill-eccezzjoni fejn fil-kaz trattatt, l-obbligazzjoni tal-konvenut kif hekk *del resto* gie ndagat u dibattut mit-Tribunal, ma kienetx limitata biss ghal bilanc reklamat mill-attur, imma l-kwistjoni kellha ‘*ope exceptionis’* tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier. Ghalhekk l-ammont shih tan-negozju guridiku intervenut bejn il-partijiet kien jehtieg jigi approfondit u mhux biss il-bilanc biss li l-atturi dehrilhom li kien ghadu dovut.

Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ghalkemm huwa jista’ jiddeciedi l-vertenzi li jasslu quddiemu fuq bazi t’ ekwita’ dan ma jfissirx illi t-Tribunal ghandu jiskarta principji legali.

Illi l-ftehim ta’ hlas kif jidher mid-dokumenti pprezentati mill-attur in sostenn tat-talba jirrizulta li hu ta’ valur komplessiv ta’ tlett elef u ghoxrin lira Maltin (LM3,020) ta’ dak iz-zmien u cioe’ €7034.71. Illi ghalhekk l-oneru ta’ dan it-Tribunal kif limitat mill-Artiklu numru 3 tal-Kapitolu 380 fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jirrrizulta prekluz milli jigi determinat minnha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal fil-waqt illi jakkolji l-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-konvenut jiddikjara ruhu inkompetenti ‘*rationae valoris’* milli jikkunsidra u jiddeciedi l-mertu tat-talba kif propost stante illi m’ghandux gurisdizzjoni.

Fic-cirkostanzi ikun gust u ekwu illi l-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------